MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 892/2002

**Vanessa Ikheteah**

**vs**

**Slimane Ikheteah**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewwget lill-konvenut fit-23 ta' Marzu, 1999, mill-liema zwieg twieled il-minuri Antalas li llum ghandu sena.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg iniffsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;

Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) a/jew (f) tal-Att XXXVII tan-1975 li Jirregola z-Zwiegijiet**.

Illi l-istess attrici talbet li ghalhekk il-konvenut jghid ghaliex ma ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista ta' xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici tad-9 ta' Settembru 2002 fejn gew prezentati tlett affidavits (fol 11 sa 17).

Rat in-nota tal-konvenut tad-29 t'Ottubru 2002 fejn l-istess konvenut ta ruhu b'notifikat bl-avviz u bis-smiegh tal-kawza, ipprezenta l-affidavit tieghu stess (fol 20 u 21) u ddikjara li m'ghandux aktar provi xi jressaq.

Rat il-verbal tal-10 ta' Dicembru 2002 fejn deher Dr Anthony Ellul ghall-attrici u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Jannar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit taghha l-attrici **Vanessa Ikheteah** qalet is-segwenti:

*"Fit-23 ta' Marzu, 1999, jiena zzewwigt lil Slimane Ikheteah. Minn dan iz-zwieg twieled it-tifel Antalas li llum ghandu sena u xahrejn.*

*Jiena u Slimane iltqajna seba' xhur qabel izzewwigna. Jiena kelli 21 sena.*

*Ahna mal-ewwel bdejna ninnamraw. Wara xi tlett xhur li bdejna nohorgu flimkien Slimane siefer ghal xahrejn shah Franza. Huwa mar ghand il-kugin tieghu. F'dawn ix-xahrejn jiena tlajt ghal gimgha. Meta gejt lura huwa cempilli u jiena ghidtlu li kont gharraft lill-ommi li meta Slimane jigi lura Malta, ahna konna ser immorru nghixu flimkien. Ommi ma haditx gost b'din l-ahbar, pero' kienet accettat. Min-naha tieghu, Slimane ippropona li jkun ahjar li nizzewwgu milli nghixu flimkien. Jiena ghall-ewwel ghidtlu li kien kmieni wisq biex nizzewwgu, pero' hu kompla jinsisti li nizzewwgu.*

*Meta Slimane gie lura Malta f'Jannar, 1999, huwa beda jipprepara l-karti ghaz-zwieg. Darba minnhom qalli biex nakkumpanjah l-Insinwa u hemmhekk iddecidejna d-data taz-zwieg. Nghid li jiena ma tajtx kas li kont ghadni zghira ghaz-zwieg u li ma kontx naf lil Slimane sew. Peress li huwa kien joghgobni hafna, jiena kont accettajt li nizzewwgu.*

*Ahna zzewwigna bir-rit civili u ghamilna ikla go restaurant bhala riceviment fejn kienu prezenti ommi u huti u l-gharus t'ohti, u kien hemm koppja habiba taghna.*

*Wara t-tieg ahna krejna appartament fejn domna xahar. Sussegwentement qattajna sentejn nghixu f'appartament f'Bugibba. Ftit xhur wara li zzewwigna beda l-inkwiet bejni u bejn Slimane. Ghall-ewwel huwa beda jgerger minhabba l-ikel. Kien jilmenta li t-tisjir tieghi ma kienx qed joghgbu. Jiena ma kellix tort, peress li Slimane jiddiletta hafna bit-tisjir u fil-fatt kien kok prim. Pero' da parti tieghi jien kont naghmel l-almu tieghi kollu biex insajjar tajjeb.*

*Mhux biss izda Slimane waqa' fit-muta u waqafna nikkomunikaw bejnietna. Huwa kien jirrakkontali ftit li xejn dwar hajtu. Beda wkoll johrog wahdu wara x-xoghol u jdum barra sat-3.00 am jew l-4.00 am. Darba minnhom telaq ghax-xoghol fis-6.45 p.m. u rritorna lura d-dar fil-11.00 a.m. tal-ghada fil-ghodu. Niftakar li jiena kont ippanikjajt peress li hsibt li seta' gralu xi haga. Kont sahansitra mort ghand il-Pulizija b'ritratt ta' Slimane u ghamilt rapport dwar dan. Meta gie lura jiena tlabtu s-sodisfazzjon ta' fejn kien, pero' hu ma taniex risposta. Kien qed jircievi wkoll xi korrispondenza minghand tfajla Germaniza, li skond hu kien jiffrekwentaha qabel iltaqa' mieghi. Ircieva wkoll ittra b'ritratt tieghu ma' tfajla barranija, fejn kienet qed tistiednu biex ikomplu jiltaqghu.*

*Wara xi zmien jiena hrigt tqila bit-tifel. Minkejja li jiena kont tqila Slimane xorta baqa' jdum sa kmieni fil-ghodu barra u kien ta' spiss jaqla' xi kwistjoni. Niftakar li fil-Milied u fl-Ewwel tas-Sena, kellna glieda kbira u Slimane deher li ma jimpurtah xejn mill-hsara li stajt ghamilt lit-tarbija wara l-battikata.*

*Xahrejn qabel li twieled it-tifel morna nghixu ghand ommi f'San Gwann, peress li jiena kelli bzonn l-ghajnuna. Meta t-tifel ghalaq xahrejn, Slimane semma' s-separazzjoni. Minn hemmhekk is-sitwazzjoni ddegenerat ferm tant li Slimane lanqas biss kien jitniffes meta jidhol id-dar. Kien qiesu qed ighix f'lukanda, fejn jigi jinhasel, johrog ghax-xoghol, jibqa' hiereg u l-ghada lil-ghodu jigi jbiddel. Jiena ppruvajt nissapporti kemm stajt u dejjem ghamilt tentattivi biex insolvu l-kwistjonijiet ta' bejnietna. Pero' kull darba li kont nipprova nkellem lil Slimane huwa kien jitlaq minn hdejha jew jinjorani kompletament.*

*Fl-ahhar hu ddecieda li nkellmu avukat biex nisseparaw. Nel frattemp jiena ndunajt ukoll li zewgi kien qed jircievi messaggi minghand xi tfajla u hu ma cahadx li ghandu relazzjoni. Kien ghalhekk li ommi stess kecciet lil zewgi minn darha u hu telaq bil-kwiet."*

Illi fl-affidavit taghha **Charmaine Borg** qalet:

*“Jien nigi oht Vanessa Ikheteah. Ohti kellha xi 21 sena meta bdiet tiffrekwenta lil Slimane Ikheteah. Wara ftit gimghat li ltaqghet mieghu, Vanessa bdiet tqatta' xi ljieli ghand Slimane. Ommi ma haditx gost b'dan.*

*Wara tlett xhur li Slimane u Vanessa bdew johorgu flimkien, Slimane kien siefer Franza u dam imsiefer ghal xi xahrejn.Ohti semplicement marret izzuru ghal xi gimgha f'dan il-perjodu.*

*Meta Slimane kien gej lura f'Jannar, 1999, Vanessa gharrfet lill-ommi li sejra tghix mieghu. Ommi qaltilha li ma riditiex tghix mieghu jekk ma kelliex skop ta' zwieg. Niftakar li Vanessa kienet spjegat lill-ommi li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet qed tehodha bis-serjeta, pero' min-naha l-ohra ma riditx tizzewweg daqshekk malajr. Ommi kienet accettat ir-ragunament ta' Vanessa u ma riditx tisfurzaha biex tizzewweg malajr.*

*Wara ftit jiem, Vanessa qaltli li kien kellimha Slimane u qalilha biex jizzewwgu. Hija qaltli li kienet accettat. Jien nammetti li skantajt meta qaltli peress li sa ftit jiem qabel, ohti dehret li riedet tistenna qabel tizzewweg. Jiena u l-kumplament tal-familja ghidnilha li kien ghadu kmieni wisq biex tizzewweg u li kienet qed tghaggel. Hi ma riedet tisma' minn hadd u baqghet taghmel ta' rasha. Xahrejn wara li Slimane gie Malta, ohti zzewgitu.*

*Ftit wara z-zwieg beda l-inkwiet. Ohti bdiet tilmenta li m'huwiex qed jaghti kasha u li qed iqatta' hafna hin barra. Niftakar li ghamlu perjodu fejn Slimane ried jissepara, pero' ohti ghamlet minn kollox biex issalva z-zwieg. Hija kienet tilmenta li ghalkemm toqghod issajjarlu, hu kien jinjora l-ikel taghha u jaqbad issajjar ghalih. Mhux biss izda Slimane kien jilmenta li lill-ohti kien isibha rieqda meta jidhol lura d-dar. Dan kien ikun xis-2.00 a.m.*

*Darba minnhom ohti tant ma setghatx tissaporti izjed li telqet mid-dar u gabet l-affarijiet taghha d-dar t'ommi. Ahna konna ghidnilha biex tibqa' maghna u tara xi trid*

*miz-zwieg taghha, pero' wara xi gurnata hija rritornat lura ma' zewgha.*

*Wara ftit Vanessa harget tqila. Minkejja li kienet tqila, baqa' xorta l-inkwiet bejnha u bejn zewgha. Matul it-tqala ahna konna ghidnilha biex tigi ghandna, peress li dan l-inkwiet ma kienx tajjeb la ghaliha u lanqas ghat-tarbija. Hija xorta wahda riedet tibqa' ma' zewgha, minkejja dak kollu li kien qed jaghmillha. Huwa xorta baqa' jidhol fis-sieghat bikrin ta' fil-ghodu u ma jaghtiex kas il-bzonnijiet taghha u tat-tarbija li kienet gejja.*

*Xi xahrejn qabel ma weldet, ohti u Slimane gew joqghodu ghand ommi. Id-dar t'ommi Slimane baqa' jidhol kmieni fil-ghodu, u kien ighid lill-ohti li baqa' tard ix-xoghol. Meta xi kultant ohti kienet tilmenta jew tipprova tkellem lil zewgha, huwa kien semplicement jinjora u ma jirrispondihiex. Jiena, ommi u hija konna nqisu lil Slimane bhallikieku kien ighix f'lukanda. Dejjem kien isib il-hwejjeg lesti u l-mara u t-tifel jistennewh id-dar.*

*Xi xahrejn wara li twieled it-tifel ta' Vanessa, l-gharus tieghi ssugerixxa lil Slimane biex johrog lill-martu u lit-tifel. L-gharus tieghi wkoll kien innota li ohti dejjem qed tkun id-dar, filwaqt li Slimane dejjem ikun barra. Slimane kien qal lill-gharus tieghi biex ma jindahalx u kienu kwazi spiccaw fl-idejn. Wara dan l-incident ghamlu zmien twil ma jitkellmux.*

*Ftit xhur ilu s-sitwazzjoni bejn Vanessa u Slimane aggravat ferm. Ghalkemm ahna noqghodu fl-istess dar, jiena rari kont qed narah u fil-ftit hin li jkun id-dar Slimane lanqas biss kien ikellem lil hadd. Huwa mhux biss kien jinjora lilna, izda kien jinjora lil martu u lill-ibnu wkoll. Ohti wkoll bdiet tissuspetta li zewgha ghandu xi relazzjoni u dan wara li sabet ritratt ta' tfajla, diversi messaggi li rcieva minghand tfajliet, anke xi xaghar ta' nisa fuq il-hwejjeg tieghu u sabitlu pakkett ta' condoms fil-karozza.*

*Recentement Slimane qal lill-ohti biex jisseparaw u ghalkemm hija riedet li xorta wahda ssalva z-zwieg*

*taghha, hija fehmet li Slimane m'ghadx ghandu nteress aktar fiha.”*

Illi fl-affidavit tieghu **Alan Borg** sostna illi:

*“Jiena nigi hu Vanessa Ikheteah. Niftakar li ohti kienet ilha tkellem ftit xhur lil Slimane Ikheteah, meta giet tghidilna li ser tizzewwgu. Il-familja kollha taghna tajnieha parir biex ma tghaggilx daqstant. Jiena kemm-il darba sibt lil Vanessa wahedha u ppruvajt nikkonvincieha biex ma tiehux dan il-pass.*

*Ahna konna nafu li Vanessa bil-kemm kienet taf lil Slimane. Hija kienet harget mieghu ghal ftit gimghat, imbaghad Slimane kien siefer fit-tul u meta zzewwgu wara ftit gimghat li gie lura.*

*Minkejja t-twissijiet taghna ohti ghamlet ta' rasha u xorta wahda zzewwget lil Slimane. Kollox kien ta' malajr.*

*Wara li zzewwgu naf li mal-ewwel beda l-inkwiet bejn ohti u zewgha. Ohti kienet tghidilna li zewgha qed johrog u jdum barra sas-sieghat bikrin ta' filghodu. Vanessa kienet tkun dejjem id-dar jew ghand ommi, filwaqt li zewgha rari kont issibu d-dar. Fil-ftit okkazzjonijiet li kont immur ghand ohti u nsib lil Slimane id-dar huwa ma kienx ikellem la lili u lanqas lill-ohti. Kien qiesu barrani qed ighix fl-istess dar m'ohti.*

*Darba minnhom, wara ftit xhur ta' zwieg, Vanessa telqet mill-flat taghhom u giet lura ghand ommi. Ahna konna ghidnilha biex tibqa' ghandna u ghal ftit hsibna li giet f'sensieha u m'hijiex ser tibqa' taccetta l-mod kif kien qed jittrattaha zewgha. Pero' l-ghada stess ohti kienet marret lura l-flat taghhom. Mhux biss izda wara ftit zmien qaltilna li hija tqila.*

*Ghalkemm Vanessa harget tqila, hija xorta wahda baqghet tilmenta mill-attitudni ta' Slimane. Hija kienet tghidilna li hu kien jinjoraha kompletament. Meta bdiet tasal fl-ahhar tat-tqala, Vanessa u Slimane gew joqghodu maghna d-dar t'ommi.*

*Hemmhekk indunajt kemm verament Slimane ma kienx jinteressah minn ohti. Minkejja li kien id-dar t'ommi, huwa baqa' jghix ta' re. Johrog u jidhol meta jrid, minghajr ma jaghti sodisfazzjon lil hadd, lanqas lill-ohti. Kien jigi jiehu shower u jitlaq lura 'l barra jew imur jorqod. Id-dar ma kien ikellem lil hadd.*

*Jiena ta' spiss kont nisma' lill-ohti tillitika ma' Slimane. Huwa lanqas biss kien jirrispondieha. Mhux biss izda anke meta kienet tipprova tkellmu dwar affarijiet ohra, Slimane kien idawwar daru u jitlaq f'xi kamra ohra. Ir-ragel t'ohti kien jinjora lilha u lil binhom kompletament. Rari nzertajt lil Slimane jipprova jilghab mat-tifel u generalment it-tifel stess ma kienx ikun irid jilghab mieghu peress li ma kienx jafu.*

*Ftit xhur ilu Slimane beda jghid lill-ohti li jrid jissepara. Ahna ghall-ewwel hadna r-ruh, pero' ohti ma riditx tissepara u baqghet taghmel minn kollox biex issalva z-zwieg taghha. Xi ftit gimghat ilu, Vanessa sabet messagg fuq il-mobile ta' Slimane minn tfajla, u fl-ahhar irrejalizzat li z-zwieg taghha kien spicca u ghalhekk bdew flimkien il-proceduri ghas-separazzjoni.*

*Jiena nghid li fid-dar strihajna minn mindu telaq Slimane, peress li kienet saret insopportabbli s-sitwazzjoni fejn ikollok bniedem li qed juza d-dar bhala hotel u ma jkellem lil hadd."*

Illi fl-affidavit tieghu il-konvenut **Slimane Ikheteah** qal illi:

*"Fl-1995 jiena gejt Malta l-ewwel darba. Minn dak iz-zmien sal-lum sifirt bosta drabi in partikolari kont inzur Franza ta' spiss.*

*Ghal nofs is-sena 1998, jiena ltqajt ma' Vanessa Borg u bdejna nohorgu flimkien. Wara xi tlett xhur li ltqajna jiena mort lura lejn Franza u qattajt hemmhekk xi xahrejn. Kont mort ghand familjari tieghi. Fil-perjodu meta kont qieghed Franza jiena bqajt b'kuntatt ma' Vanessa billi konna ncemplu lil xulxin xi darbtejn fil-gimgha.*

*Waqt li kont qieghed Franza, Vanessa giet ghal btala ta' gimgha u meta rritornat lura jiena pproponejtilha li nizzewwgu. Nghid li ahna diga' kellna l-intenzjoni li malli nirritorna lura Malta nibdew nghixu flimkien, pero' jiena ppreferejt li nizzewwgu. Dak iz-zmien jiena kont konvint li ahna kellna nizzewwgu u dan minkejja li ahna konna ilna niffrekwentaw lil xulxin prattikament tlett xhur.*

*Fil-fatt malli rritornajt Malta, ahna bdejna l-proceduri ghaz-zwieg u fi zmien xahrejn konna mizzewwga. Ma konna lestejna xejn bhala preparamenti ghat-tieg, hlief ghamilna ikla go restaurant ghall-familja ta' Vanessa u zewgt ihbieb taghna. Il-familja tieghi lanqas biss gharrafthom li kont ser nizzewweg.*

*Nghid li wara li zzewwigna jiena mal-ewwel bdejt niddejjaq tant li lanqas biss bqajt nikkomunika ma' Vanessa. Ma konna nitkellmu dwar xejn. Jien la kont niggieled u lanqas ma kont noqghod inkellimha. Hija da parti taghha kienet tilmenta dwar dan il-fatt. Kienet tghidli li qisna zewg barranin qed nghixu flimkien u xtaqet li jien nirrakkontalha dak kollu li kont nghaddi minnu matul il-gurnata.*

*Nammetti li jiena kont inhossni imblukkat u ma stajtx lanqas biss naqbad konversazzjoni ma' marti. Mhux biss izda s-sitwazzjoni bejnietna aggravat meta Vanessa sabet xi korrispondenza minghand habiba tieghi Germaniza u xi ritratti tieghi ma' tfajla barranija.*

*F'dan il-perjodu jiena bdejt immur ghax-xoghol, imbaghad nibqa' hiereg ma' shabi. Lil Vanessa lanqas biss kont qed nghidilha fejn kont qed inkun u x'hin kont ser nirritorna lura. Hija kienet titlobni bil-hniena biex nghidilha fejn qed immur, pero' jiena deherli li ma kienx affari taghha peress li ma kienx fadal l-ebda komunikazzjoni bejnietna.*

*Xi zmien wara Vanessa nqabdet tqila bit-tifel Antalas. Nammetti li minkejja t-tqala ta' Vanessa jiena xorta wahda bqajt nohrog wahdi u xorta bqajt indum barra. L-*

*inkwiet bejnietna kompla jizdied tant li darba minnhom Vanessa sahansitra telqet mid-dar u marret ghand ommha. L-ghada hija giet lura d-dar.*

*Ftit qabel ma twieled it-tifel, jiena u Vanessa morna nghixu ghand ommha. Hemmhekk kienu jghixu wkoll hut Vanessa. Jiena xorta wahda bqajt ghaddej bil-hajja ta' guvni tieghi, hlief li dejjem hadt hsieb li lill-marti ma kien jonqosha xejn f'dak li jirrigwarda flus. Jiena kont ili nahseb fis-separazzjoni, pero' ma ridtx ninkwieta lil Vanessa qabel twelled.*

*Ftit gimghat wara li twieled it-tifel, jiena ghidt lil Vanessa li kien ikun ahjar jekk nisseparaw. Hija haditha bi kbira u baqghet tipprova tirranga z-zwieg taghna sal-ahhar, kif fuq kollox kienet ghamlet fix-xhur li domna nghixu flimkien.*

*Kien ghalhekk li ftit zmien ilu jiena tlaqt mid-dar ta' omm Vanessa u mort nghix ghal rasi."*

## (B) APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ *DE QUO.*

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi ddikjarat null u bla effett *stante* li qed issostni li l-istess zwieg kien vizzjat peress li l-partjiet kellhom difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu; rabtu l-kunsens taghhom ghall-kundizzjoni li tirreferi ghall-futur; il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan kollox *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d)** u/jew **(f)** tal-**Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**“Artikolu 19 (1)** *B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta’ dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’diffett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.”*

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’diffett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta' l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta’ d-diskrezzjoni ta’ gudizzju **“***supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly”*.

*“Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961* ***Sabattani*** *held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from ‘amentia’, not in the sense of*

*insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage…….. Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity……"*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard in*** **'L'immaturite' et le consentement matrimonial"** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti*:*-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000);  **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002); **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u "**Ahmed Al Helal vs Karen Portelli"** (P.A. (RCP) 1 t'Ottubtu 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and*

*duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J. "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"*** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Viladrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa il-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista' ighid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-

kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu: **"El nuevo derecho matrimonial canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali tant li jghid li:-

"*Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta' in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale.*"

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma ikunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

"*Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta'.*" (***J.F. Castano'*** **- Il Sacramento del Matrimonio**)

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala fethim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga il-validita' *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi ikun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda irid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti il-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha il-volonta w ix-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali ikun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*“L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi”.* **(*O. Giacchi* – “*Il consenso matrimoniale canonico”*).**

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kuncett tas-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali, u wkoll fuq il-kunsens u d-diskrezzjoni necessarja fuq il-hajja mizzewga, din il-Qorti sejra tasal sabiex tevalwa l-istess fil-kuntest tal-provi prodotti u minn dawn jirrizulta li l-konvenut ma kellu ebda intenzjoni li jghix hajja ta’ mizzewweg mal-attrici, u fil-fatt jidher, u dan anke huwa kwazi jammettieh fl-affidavit tieghu, li huwa kien qed jghix u baqa’ jghix wara z-zwieg hajja ta’ guvni, bl-ebda responsabbilta’ jew ghalinqas kaz tas-siehba tieghu, lanqas wara li kellu tarbija minnha. Ix-xhieda tieghu hija partikolarment illuminanti peress li hija mnezza minn kwalunkwe sens ta’ emozzjoni lejn martu u bla ebda rimors ta’ xejn, minn fejn wiehed mill-ewwel jikkonkludi li dan iz-zwieg ma kien xejn hlief wiehed ta’ isem u fil-fatt

mill-ewwel sfaxxa, anke minhabba li jidher li l-konvenut kellu relazzjonijiet ohra ma' terzi persuni tas-sess oppost.

Illi min-naha tal-attrici jidher li hija kienet infattwata bil-konvenut, u lanqas biss hasbet xejn fuq d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg qabel ma ghamlet dan il-pass tant importanti f'hajjitha, u l-infatwazzjoni li kellha ghall-konvenut ma halliethiex tahseb sew, lanqas meta kien hemm min kien qed jifthilha ghajnejha. Hija ndunat bl-izball mill-ewwel wara z-zwieg, anke minhabba l-komportament tal-konvenut lejha, izda kien tard wisq, u ghalkemm hija ppruvat issalva z-zwieg, xorta ma sewa ghal xejn, u dan ghaliex il-pedamenti kienu kollha fuq ir-ramel, u ma kienx hemm *ab initio* dan il-kunsens necssarju miz-zewg partijiet ghall-hajja dejjiema u komuni bejniethom fejn jghixu bhala persuna wahda ghall-gid komunali ta' xulxin, izda kull wiehed fittex biss l-interessi jew l-emozzjoni tieghu, u ghalhekk l-istess attrici kkontribwiet ghal dan l-annullament taz-zwieg fin-nuqqas ta' diskrezzjoni fil-kunsens u gudizzju taghha ghall-istess zwieg.

Illi ghalkemm hawnhekk wiehed qieghed fil-kamp civili u mhux ekklesjastiku, il-Qorti madanakollu thoss ma tistax ma tikkumentax fuq il-mod legger illi l-kontendenti dahlu ghall-kuntratt taz-zwieg u l-Qorti thoss li din is-sitwazzjoni ma hijiex iktar kkunsidrata bhala xi haga rari izda hija sitwazzjoni rikkkorenti kif jixdhu n-numru konsiderevoli ta' koppji li qed jaghmlu dan il-pass b'mod mill-iktar legger, u dan l-istess Qorti sostnietu f'diversi sentenzi taghha, u tawgura li s-socjeta' Maltija tiehu kont ta' dan kollu u tipprovdi b'pacenzja u b'perswazzjoni w impenn rimedji adatti sabiex z-zwigijiet jergghu jibdew jinbnew fuq pedamenti sodi,  valuri veri, umani u rejali.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolku 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, pero' f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha tispecifika li n-nuqqasijiet tal-konvenut kien wisq iktar serji minn dawk tal-attrici, u dan ghandu jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fit-23 ta' Marzu 1999 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kwantu ghall-kwart (1/4) ghall-attrici u kwantu ghall-tlett kwarti (3/4) ghall-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**7 ta' Jannar 2003**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**7 ta' Jannar 2003**